**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 140/2013

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**Spettur Raymond Cassar**

**Vs**

**Carmel Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Carmel Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 504068M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. Fit-28 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar, fi Triq San Giljan f'San Gwann, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Joanne Scicluna, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-vjolenza (Artikoli 261, 262(b) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joanne Scicluna (Artikoli 86, 87, (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
c. U aktar talli fl-istess jum, f'dawn il-gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikati bil-valur li ma jeccedix €2,329.37 u bil-vjolenza (Artikolu 334 tal-Kapitolu 9);
d. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni PIC455, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda hija aktar minn mija

u sittax –il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u li saret ghad-detriment ta' Joanne Scicluna (Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9);

e. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma improprja (Artikolu 64 (2) tal-Kapitolu 9);
f. U talli fl-istess zmien kiser kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., nhar l-4 ta' Gunju, 2007; u
g. Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 261, 262(b), 267, 86, 87(1)(e), 334, 325(b) u 64(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat il-provi prodotti u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi d-dokumenti esebiti nkluzi dawk medikali, sabet lill-imputat hati talli, fit-28 ta' Lulju, 2008, wettaq serq ta' mija u hamsin ewro (€150) ghad-dannu ta' Joanne Scicluna gewwa San Gwann, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, li zamm lil Joanne Scicluna kontra r-rieda taghha u talli kkawzala hsarat fil-vettura taghha li jammontaw ghal mija tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin ewro centezmi (€123.94) u cioe, ksur ta' mera, li kellu fil-pussess tieghu waqt l-incident stanga u tazer gun liema, tal-ahhar, dan uza fuq Scicluna, illi r-recidiva giet pruvata, u illi kiser kundizzjonijiet impost fuqu b'sentenza tal-Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D., tal-14 ta' Gunju, 2007, u wara li rat l-atti, wara li rat il-fedina penali tal-imputat u rat li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni mill-istess imputat mal-Pulizija kif ukoll li waqt l-incident mertu tal-kawza kienet intuzat il-vjolenza, kkundannatu tliet snin prigunerija effettivi. Il-Qorti rrakomandat li l-imputat iservi dan il-perjodu ta' prigunerija gewwa l-Forensic Unit taht il-kura ta' Dr. Spiteri.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' April, 2013, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti nulla minhabba difett essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, u sabiex l-esponenti ma jigix ipprivat mid-doppio esame, li din il-kawza terga' tigi rimessa lil Qorti tal-prim' istanza ghall-gudizzju taghha mill-gdid; jew alternattivament u sussidjarjament;

2. Fi kwalsijasi kaz, tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu 42 tal-Att dwar is-Sahha Mentali, billi taghti ordni sabiex l-appellant jintbghat ghal osservazzjoni psikjatrika fi sptar appositu; jew alternattivament u sussidjarjament;
3. Tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u tillbierah minn kull piena u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma giex misjub hati, (jekk huwa l-kaz); jew alternattivament u sussidjarjament;
4. Tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-vjolenza (l-ewwel imputazzjoni), tal-hsara volontarja (ir-raba' mputazzjoni), talli kellu fil-pussess tieghu arma mproprja (l-hames imputazzjoni), u talli kiser kundizzjonijiet imposti fuqu minn sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., nhar l-4 ta' Gunju, 2007 (is-sitt imputazzjoni), izda tirrevokaha in kwantu sabitu hati talli zamm lil Joanne Scicluna kontra r-rieda taghha (t-tieni mputazzjoni), talli xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa (t-tielet imputazzjoni), u talli rrenda ruhu recidiv (is-seba' mputazzjoni), u konsegwentement li timponi piena iktar ekwa u gusta; jew alternattivament u sussidjarjament;
5. Fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti bhal ma ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li thassarha in kwantu ghall-piena u timponi piena iktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla stante li ma qalet xejn dwar akkuza partikolari, u cioe, t-tielet imputazzjoni dwar ir-ricetazzjoni, kif ukoll li ma semmietx l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali dwar ir-recediva minkejja li sabitu hati tal-imputazzjoni relattiva, u dan bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;
2. Umilment l-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li jirrendi s-sentenza wahda mhux safe and satisfactory, meta hija, minkejja c-certifikati medici esebiti li juru l-problemi kbar li l-esponenti ghandu f'sahhtu, assumiet li minhabba li rnexxielu jikkommetti reati fil-passat minkejja l-kondizzjoni ta' sahhtu, bl-istess mod seta' jirnexxielu jikkommetti r-reat odjern u ghalhekk sabitu hati tieghu;
3. L-esponenti jissottometti wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti wzat applikazzjoni hazina tad-dritt meta sabitu hati tat-tieni mputazzjoni, u cioe', li arresta, zamm jew issekwestra llegalment lill-imsemmija Joanne Scicluna, ghaliex fl-ebda hin ma rrizulta li l-allegata vittma kienet projbita milli tezercita' l-liberta' personali taghha u ghalhekk dan ir-reat ma jissussistix;
4. L-appellant umilment jissottometti wkoll li l-identifikazzjoni maghmula mill-allegata vittma Scicluna mhux ta' min joqghod fuqha;
5. L-esponenti jishaq ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ezercitat hazin id-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu 42 tal-Att dwar is-Sahha Mentali meta, minkejja li l-kwistjoni tal-infermita' mentali tal-esponenti waqt il-proceduri tqajjmet mid-difiza, ma ezercitatx il-poteri taghha korrettament;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena kienet gravuza wisq u ghalhekk ingusta.

Rat s-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) tal-20 ta' Mejju 2015, li permezz taghha iddikjarat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nulla u a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-trattazzjoni maghmula quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-3 ta' Frar 2016.

Semghet it-trattazzjoni mill-gdid.

Ikkunsidrat:

Illi annullata s-sentenza appellata b'sentenza preliminari tal-20 ta' Mejju 2015, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza, bl-aggravji imqanqla mill-appellant fir-rikors tieghu tal-appell jigu meqjusa bhala sottmissjonijiet in difeza. Fil-mertu l-appellant jishaq illi huwa ma kienx involut fl-event kriminuz li abbazi tieghu gie mixli bir-reati lilu addebitati. Jichad li kien fuq ix-xena tar-reat u jikkontendi illi l-istat ta' sahha fizika u mentali tieghu kienet tali li izzommu milli jaghmel l-att konsumatur tar-reati li bihom gie mixli. Jishaq illi huwa jbati bil-qtugh ta' nifs u ghandu ukoll impediment fiziku fil-mixi li allura izommuh milli jigri ghal hin twil kif allegat l-parti leza u wkoll ghandu difett f'idejh li jaghmilha difficli ghalih illi juza *taser gun,* kif allegat, waqt il-kommissjoni tar-reat.

Illi mill-atti probatorji jemergu is-segwenti fatti:

1. Illi nhar it-28 ta' Lulju 2008, Joanne Scicluna marret tigbed il-flus minn magna ATM tal-bank li hemm fiz-zona industrijali ta' San Gwann qrib l-isptar Mater Dei.

2. Persuna injota tigi hdejha filwaqt li tkun qieghda mal-magna b'*tażer gun* f'idejha u taghtiha xi xokkijiet. Hija titlaq tigri hdejn il-vettura taghha fejn kellha t-tieqa tal-passiġġier miftuħa bil-*handbag* fuq is-sedil.

3. Il-malvivent jaħtaf l-basket mill-vettura u jkisser l-mera tal-karozza tagħha sabiex jagħmel din il-manuvra u jitlaq jigri.

4. Scicluna titlaq tigri ghal warajh sakemm tasal vicin l-isptar Mater Dei fejn tilhqu u tipprova izzommu. Il-malvivent jerga' jipprova jaggredieha bit-tazer fuq sidirha.

5. Hawnhekk tibda' konfrontazzjoni bejn dawn it-tnejn minn nies fejn Scicluna tipprova tikkonvinci lill-malvivent ighaddielha l-*credit cards* lura, il-liċenzja tas-sewqan, kif ukoll il-flus u weghditu li taghtih xi haga tal-flus minnhom. Fil-fatt hija qabdet €150 mill-flus li kellha u tagħtomlu.

6. Wara dan il-malvivent jitlaq minn fuq il-post u Scilcuna tirraporta l-incident lill-pulizija. Tikkonferma illi dak il-hin kellha madwar elf Ewro fuqha. Sussegwentement tipprovdi stima tal-ħsarat tal-mera tal-vettura tagħha lill-pulizija.

7. Fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-pulizija Scicluna tigi mitluba tippartecipa f'*identification parade* fil-presenza tal-Inkwirenti fejn tagħraf lill-appellant bħala l-aggressur tagħha, wara li kienet identifikatu ukoll minn ritratti murija lilha mill-pulizija ta' diversi persuni. Scicluna terga' tidentifika lill-appellant pozittivament meta tixhed fil-Qorti. Tghid illi meta aggredieha hija xammitlu riħa ta' xorb u ukoll innutat illi kellu mixja partikolari. Fil-fatt waqt il-parata ta' identifikazzjoni hija tallbet li l-persuni li kienu qed jippartecipaw fil-*line up* jigu mitluba jimxu bil-ghan li tassoda l-identifikazzjoni minnha maghmula. Tikkontendi illi l-aggressur taghha kien liebes nuċċali u berritta, iżda tibqa' taghraf pozittivament lill-appellant bhala l-persuna li aggredieha u tisħaq illi huwa l-istess persuna li tidher fl-istills mehuda mill-cameras CCTV li ġew eżebiti fil-proċess.

Ikkunsidrat:

Illi abbazi ta' dawn il-fatti li harrgu mill-investigazzjoni ta' dan l-event kriminuz, l-appellant jigi mixli b'diversi reati u cioe' bir-reat tas-serq aggravat, dak tas-sekwestru tal-persuna, ir-reat ta' ricettazzjoni, kif ukoll bir-reat tal-hsara volontarja, liema reati gew kommessi permezz tal-uzu ta' armi improprji. L-appellant jigi akkuzat ukoll li huwa recediv u li kiser il-kundizzjonijiet fuq imposti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-04 ta' Gunju 2007.

Illi, kif inghad, id-difiza ewlenija imqanqla mill-appellant, kif imfissra ukoll fl-aggravji minnu intentati, hija illi hu ma kienx il-persuna li kkometta dawn ir-reati u li minħabba l-istat ta' sahha fizika tiegħu konsistenti f'diżabilta' f'sieqhu kif ukoll f-idejh fejn gie sottopost għal diversi operazzjonijiet tul is-snin, ma kienx f'posizzjoni la li jzomm *tazer gun* f'idejh u li jadoperaha kif tallega il-vittma, u lanqas li jigri ghal distanza konsideveroli. Jishaq illi ghalkemm kien hemm l-identifikazzjoni tieghu minn naha tal-vittma bhala dik il-persuna li aggredietha, madanakollu ighid li din l-identifikazzjoni ma saritx skont il-ligi tant illi jkun perikoluz ghal qorti li tistrieh fuqha sabiex isejjes is-sejbien ta' htija. Isostni illi l-identifikazzjoni tiegħu mhijiex waħda attendibbli u dan kemm minħabba l-fatt illi l-Identification Parade tmur kontra l-linji gwida imfassla fis-sentenza ta' *Turnbull* fl-Ingilterra kif ukoll fid-dawl tal-fatt li meta l-vittma rat lill-appellant, dan għamlitu f'kundizzjonijiet diffiċli li setgħu ippreġudikaw u konsegwentement ivvizzjaw l-identifikazzjoni tal-aggressur tagħha.

Illi jibda biex jinghad illi il-ligi tagħna ma tirregolax il-mod kif għandha issir *identification parade* ghajr ghal fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif imfassal fl-artikolu 74 tal-Kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma tispecifikax per ezempju n-numru ta' persuni li ghandhom jiehdu sehem f'din il-parata, jekk din ghandhiex necessarjament issir bil-presenza fizika tal-persuni li jiehdu sehem fil-parata jew inkella permezz ta' sett ta' ritratti. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta'l-avukat taghha ghandha tinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud

okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet[1]. Fost dawn ir-regolamenti l-artikolu 14 jispecifika illi:

> ***"Appropriate arrangements must be made to make sure, before witnesses attend the identification parade, they are not able to: (i) communicate with each other about the case or overhear a witness who has already seen the identification parade; (ii) see any member of the identification parade; (iii) see, or be reminded of, any photograph or description of the suspect or be given any other indication as to the suspect's identity; or (iv) see the suspect before or after the identification parade"***

Kif inghad izda il-ligi taghna dan kollu ma tirregolahx biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqies jekk dik il-parata tkunx wahda regolari, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittehdux il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li ssir "*a miscarriage of justice*".

Illi huwa utli li meta ssir identifikazzjoni, anki jekk din issir minn persuna waħda u mhux neċessarjament minn fost individwi oħra skjerati *f'identification parade*, illi jiġu osservati l-linji gwida imfassal mill-gurisprudenza Ingliza fil-kaz *Turnbull* liema regoli infatti, gew spiss segwiti mill-qrati taghna, ghalkemm il-ligi taghna imkien ma tfassal ebda regola ghajr ghal dak li jghid l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali:

> **"Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja."**
>
> **"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta'**

[1] 1 PACE Code D Annex B – Identification parades. www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/592562/pace-code-d-2017.pdf

**persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."[2]**

Illi maghdud dan allura huwa f'idejn il-gurati li jigu imsejjha jiggudikaw fuq il-fatti jew tal-ġudikant li qed jippresjedi l-kawża skond il-każ li jkun, illi jaraw jekk l-identifikazzjoni maghmula u li tista' tigi maghmula fil-kors tal-guri jew tal-każ, hijiex wahda attendibbli o meno u dan b'applikazzjoni tar-regoli tal-bwon sens u ukoll b'mod specjali gwidati bir-regoli *Turnbull*[3] fejn hemm hekk imghallem:

***'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ...***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".***

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

[3] Turnbull (1977) QB 224

Illi magħdud dan kollu din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-kawża inkluz kemm n-notamenti u l-inkartament konċernanti l-*identification parade*, kemm ix-xhieda tal-vittma li ddeponiet f'dawn il-proċeduri, kif ukoll il-*file* mediku tal-appellant sabiex taaghmel evalwazzjoni tal-qagħda fizika tiegħu fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati, b'mod specjali l-interventi li huwa għamel u li setgħu holqu impediment ghal mobilita' fizika tiegħu, kif allegat.

Illi huwa indubitat illi l-*identification parade* saret skont il-ligi, u ċioe fil-preżenza ta' Maġistrat Inkwirenti li seta' jaccerta ruhu li ma kien hemm ebda influwenza barranija fuq il-vittma li b'xi mod setghet ivvizzjat dik l-identifikazzjoni minnha maghmula, ghalkemm kien hemm xi differenzi bejn il-fisjonomija u l-istatura fizika tal-persuni skjerati ma' dawk tal-appellant. Mhux biss izda l-vittma kienet ben konxja tad-difett fil-mixja tal-aggressur taghha li sahansitra sabiex taccerta ruhha mill-identfiikazzjoni li kienet qed taghmel talbet sabiex l-persuni skjerati fil-parata jimxu bicca biex hija tkun tista tosserva il-mixja taghhom.

Il-Qorti tqies illi l-indentifikazzjoni maghmula mill-vittma tal-persuna tal-appellant bhala l-aggressur taghha kienet wahda b'sahhitha fuq kollox ghaliex dakinhar tal-inċident, kellha l-opportunita' li tara lill-appellant sew u saħansitra tkellmu għal certu hin minn distanza ravviċinata fid-dawl tax-xemx, tant illi rnexxielha tikkonvinċih sabiex jaghtieha lura l-oggetti u il-flus li kien ha minn ghandha għajr għas-somma ta' €150. L-osservazzjoni li setghet taghmel il-vittma f'dan il-hin ma jidhirx illi gie b'xi mod ostakolat. In oltre, a differenza ta' dak mistqarr fir-rikors tal-appell, ma hemm l-ebda prova in atti li tindika li l-vittma kienet b'xi mod storduta minħabba l-effett tat-*tazer* jew minħabba l-insegwiment li għamlet wara l-appellant. Ghal kuntrarju, jidher illi hija kellha l-preżenza tal-moħħ u l-kapaċita psikoloġika mehtiega sabiex tikkonvinċi lill-appellant jirritornalha l-baskett tagħha. Il-vittma fil-fatt terga' tidentifika lill-appellant *ictu oculi* meta tixhed fil-Qorti bhala l-istess persuna li aggredieha. Apparti dan kollu prova oħra li din il-Qorti ma tistax tiskarta huma r-ritratti li tnizzlu mill-filmati tas-CCTV fejn tidher il-vittma tiġbed il-flus kif ukoll il-persuna li allegatament aggredietha. Huwa minnu li l-espert Martin Bajada li kien inħatar sabiex jagħmel analiżi komparattiv bejn dawn ir-ritratti u dawk tal-

appellant, ma setax jasal ghal konkluzjoni u cioe' ghal komparazzjoni pozittiva bejn il-persuna li kienet qed tidher fl-*istills* u l-persuna tal-appellant minħabba l-kwalita' inferjuri tal-*istills*, madankollu din il-Qorti, li apprezzat kemm l-*istills* kif ukoll ir-ritratti tal-appellant waqt l-*Identification parade* tinnota, kif għamlet ukoll il-vittma waqt id-deposizzjoni tagħha fuq mistoqsija tad-difiża, l-assomiljanza bejn l-appellant u dan l-individwu, partikolarment għal dak li jirrigwarda ċertu fattizzi. Dan allura jkompli jsaħħaħ l-identifikazzjoni tal-appellant mill-vittma bħala l-persuna illi aggredietha.[4]

Illi lanqas ic-certifikati medici ma jistghu jaghtu konfort lit-tezi tal-appellant u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu li huwa gie sottopost ghal diversi interventi, inkluz f'siequ, liema interventi saru fuq medda ta' ġimgħat fis-sena 1999, jingħad madankollu illi meta huwa ġie ezaminat medikament f'cirkostanzi oħra sussegwenti, fejn it-tobba ezaminaw il-problemi ta' saħħa jew mobilita' li seta' kellu, ma sar l-ebda aċċenn għall-impediment mistqarr mill-appellant ghalkemm isostnu li huwa ghandu il-kundizzjoni '*ataxia of gait*' li fi kliem semplici tfisser li ma kienx qed jikkordina saqajħ tajjeb u seta' kien instabbli. Jidher madankollu illi l-appellant, fl-istess notamenti effettivament ċaħad li għandu xi debulezza f'idejħ jew f'saqajħ.[5] Dan huwa aktar relevanti fid-dawl ta' dak li stqarret il-vittma meta' tghid li innutat illi l-mixja jew il-*gait* tal-appellant kienet partikolari tant illi waqt l-*identification parade*, kif inghad, hi xtaqet illi l-persuni hemmhekk skjerati jimxu quddiemha sabiex tara tagħrafx il-*gait* tal-aggressur li kienet innutat meta kienet qed tiġri warajh.[6] Illi dan il-fatt huwa msahhah ukoll mill-fatt probatorju illi jemergi illi meta l-vittma titlaq tigri wara l-appellant hija jirnexxielha tilhqu u sahansitra trazznu.

In oltre għal dak li jirrigwarda l-ferita f'idejh, skond il-file mediku jirriżulta illi l-appellant gie sottopost ghal intervent kirurġiku f'idu x-xellugija iżda dan igib id-data tal-10 ta' Marzu 2011 u ċioe ferm wara dan il-każ.[7] Kwindi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tinsab aktar konvinta dwar l-identifikazzjoni magħmula fil-

[4] Ara folio 105.
[5] Ara folio 417 tal-atti proċesswali datat it-13 ta' Frar 2007 fejn fil-parti tar-rapport intitolat 'History' jidher li l-appellant 'denied limb weakness but doctors noticed ataxia of gait present'.
[6] Ara folio 105 tal-atti proċesswali.
[7] Ara folio 254 sa 258 tal-atti proċesswali.

konfront tal-appellant fejn konsegwentement hija tal-fehma li tista' toqgħod fuqha. Illi allura l-appellant ser jinsab hati mhux biss tar-reat tas-serq aggravat kif mixli izda ukoll tar-reat tal-hsara volontarja ikkagjonata fuq il-mera tal-vettura tal-parti leza. Dawn id-delitti gew komessi bl-uzu ta' arma irregolari.

Ikkunsidrat,

L-appellant huwa mixli ukoll bir-reat tas-sekwestru tal-persuna jew tal-arrest illegali liema reat huwa regolat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali:

> **86. Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:**
>
> **Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.**

Mill-banda l-oħra l-artikolu 87 jirregola ċ-ċirkostanzi aggravanti tar-reat ta' sekwestru fejn insibu fost oħrajn *'...il-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha'.*

Illi gie hekk deciz:

> **"Minn qari akkurata tad-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista'jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza ghalkemm dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat. Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest.**
>
> **Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal-l-artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol-II billi jghid:-**
>
> ***"Il-sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."***
>
> **Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jghid:-**

***"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al-paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."***

**Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 1961 ipprecizat:-**

***"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."***[8]

Issa mill-apprezzament tal-provi f'dan il-każ u mill-mod u manjiera kif seħħet l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Joanne Scicluna, liema *modus operando* mhux qed jiġi kkontestat mill-ebda parti f'dawn il-proċeduri, jidher biċ-ċar illi l-vittma f'ebda mument ma kienet miżmuma kontra r-rieda tagħha. Dan qed jingħad in vista tal-fatt illi kif l-aggressur uża t-*tazer* fuq il-persuna tal-vittma, hi mill-ewwel irreaġixxiet billi staqsietu x'kien qed jagħmel u immedjament imxiet lejn il-karrozza tagħha fejn ġiet segwita mill-aggressur li imbagħad ħatfilha l-basket mill-vettura tagħha. Wara dan hu telaq jiġri u hi telqet tiġri warajh u fil-fatt lahqitu u irnexxielha trazznu. Dan il-komportament da parti tal-vittma, ghalkemm ferm kuraggjuz, indubbjament jindika illi ma kien hemm ebda ħin fejn hija inżammet kontra r-rieda tagħha, lanqas momentarjament. Il-fatt li hi ġiet aggredieta bl-uzu ta' arma irregolari u cioe' tażer bil-ghan li jigi kommess ir-reat tas-serq jaqa' fil-parametri ta' serq aggravat bil-vjolenza u mhux fir-reat tas-sekwestru tal-persuna. Konsegwentement l-appellant ser jiġi lliberat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jilmenta ukoll illi huwa kellu jigi itrattat mill-Qorti bil-mod kif imfassal fl-artikolu 42 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali. Issa l-Att dwar is-Sahha Mentali gie sostitwiet permezz ta'l-Att XXII tal-2012 biex b'hekk allura d-disposizzjoni tal-ligi li taghti s-setgha lil qorti ta' gurisdizzjoni kriminali li fil-mori tal-kawza tibghat lil persuna akkuzata ghal kura gewwa facilita' licenzjata ghal

[8] Pulizija vs Emanuel Cassar, deċiża nhar il-4.08.2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) .

pazjenti forensici hija l-artikolu 36 tal-Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda u r-rapporti tal-psikjatra Joseph Spiteri u dan meta xehed f'aktar minn okkazzjoni waħda. Illi l-Qorti fliet ukoll l-atti processwali minn fejn johrog illi d-difiza qatt ma ressqet talba formali fit-termini tal-artikolu 42 minnha iccitat u kif qed tikkontendi fir-rikors tal-appell. Illi huwa biss il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, meta allura l-ligi il-gdida kienet diga' giet fis-sehh, (folio 474) minn fejn jirrizulta illi il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri kellu ihejji rapport bil-ghan li jigi stabbilit jekk l-appellant kellux il-kapaċita di *intendere* matul l-*iter* tal-kawża, u mhux ukoll fil-jum tal-kummissjoni tar-reat. Taht liema disposizzjoni tal-ligi dan kien qed jigi mitlub u cioe' jekk hux taht dawk imfassal fil-Kodici Kriminali jew fit-termini tal-Att dwar is-Sahha Mentali ma jigiex specifikat.

Illi fir-rapport imhejji minnu l-psikjatra Spiteri, li jidher li ilu tabib kuranti tal-appellant ghal diversi snin, jikkonkludi f'dak l-istadju illi filwaqt li l-appellant instab li kien fi stat psikotiku, ma jidhirx li dan kien qed ikollu effett fuq 'l hekk imsejjah *fitness to plead*. Jirrakomanda semplicement illi l-appellant jibqa' taħt osservazzjoni psikjatrika tul il-proċess biex sintomi akuti jiġu ndirizzati mal-ewwel bil-kura adattata.[9] Dan it-tabib reġa ddepona quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn jidher illi hu spjega l-problemi mentali tal-appellant fejn finalment saħaq illi ma jistax jistabbilixxi kif kienet il-qagħda tiegħu mentali meta kkometta dawn ir-reati u dan peress illi din tista' tvarja minn diversi fatturi.[10] Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant, filwaqt li qed isofri minn mard mentali, jidher li s-sintomi tal-istess jistgħu jiġu kkontrollati dment illi jieħu l-mediċini opportuni u li jibqa' taħt osservazzjoni minn tobba kkwalifikati. Konsegwentement huwa importanti li l-appellant jibqa' jiġi segwit minn psikjatra u li jiehu l-kura mehtiega ghal kondizzjoni ta' sahha tieghu.

Finalment meta allura l-Qorti tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-appellant, necessarjament trid izzomm quddiem ghajnejha dawn il-fatturi u cioe' l-istat ta' sahha mentali tal-appellant u l-kura li ghandu bzonn sabiex b'hekk ma jkunx hemm biza ta' repetizzjoni ta' reati. Illi mhux biss, izda il-Qorti ser tiehu in

---

[9] Folio 478 tal-atti proċesswali.
[10] Folio 551 et seq tal-atti proċesswali datat l-14.10.15.

konsiderazzjoni it-trapass twil taz-zmien minn meta sehhew ir-reati li dwarhom hu ser jigi misjub hati, u ukoll il-fatt illi huwa ser jigi illiberat mill-akkuza dwar is-sekwestru tal-persuna kif ukoll dak tar-riċettazzjoni billi din l-ahhar akkuza hija wahda alternattiva għall-akkuza tas-serq li dwarha ser tinstab htija.

Qieset ukoll ix-xhieda tal-uffiċjal tal-probation Maria Mifsud li ilha ssegwi lill-appellant mis-sena 2011 fejn irrelatat li l-appellant għamel progress konsiderevoli fejn huwa aktar stabbli mentalment u huwa kooperattiv magħha, x'aktarx bis-saħħa ta' supervizjoni kostanti u '*random home visits*'. Qalet ukoll li llum huwa għeleb il-problema tal-vizzju tad-droga. In oltre jidher illi l-appellant ghadu taht il-kura tal-psikjatra Spiteri li jsewgi l-kura li ghandu bzonn, liema kura trid tibqa' tinghata b'mod kontinwu u ininterrott. L-imsemmija ufficjal ghalhekk kienet tal-fehma illi l-appellant ghandu jibqa' jiġi segwit minn uffiċjal ta' probation, bl-imposizzjoni ta' ordni ta' trattament.[11]

Dan maghdud, ghalkemm il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-appellant huwa bniedem li ghandu bzonn ambjent terawpetiku aktar milli struttura ta' inkarcerazzjoni minhabba l-kundizzjoni ta' sahha mentali tieghu, madanakollu, minn ezami tas-sentenzi esebieti in atti mill-prosekuzzjoni li jirreferu ghal kundanni precedenti tal-appellant, jirrizulta illi l-appellant mhux biss huwa receduv, izda ukoll li kkommetta r-reati li dwarhom hu ser jinstab hati matul il-perijodu ta' Ordni ta' liberta kondizzjonata. Illi l-Qorti ezaminat is-sentenzi esebieti mill-prosekuzzjoni u li jikkostitwixxu prova dwar l-addebitu tar-recediva minn fejn irrizultalha illi ghalkemm f'uhud minn dawn il-kundanni gew applikati fil-konfront tal-appellant id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li allura ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta' dan l-addebitu, madanakollu hemm diversi kundanni ohra anke ghar-reat ta' serq fejn allura ghandu isib applikazzjoni mhux biss l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9, izda ukoll l-artikolu 289. Fil-fatt l-fedina penali tal-appellant tmur lura għas-sena 1987 minn fejn jidher illi huwa kkometta sensiela ta' reati differenti tul is-snin konsistenti prinċipalment minn reati relatati mal-abbuz

[11] Rapport ta' Maria Mifsud intavolat in atti a folio 616. Ara partikolarment folio 618 minn quddiem u minn wara.

tad-droga, frodi u falsifikazzjoni, kontravenzjonijiet, inġurji, theddid u vjolenza kontra uffiċjali tal-pulizija, serq u tentattiv ta' feriti gravi.

Illi dan maghdud, madanakollu, din il-Qorti trid toħloq bilanċ bejn in-natura tal-każ li għandha quddiemha u l-gravita' taċ-ċirkostanzi tagħha, l-effett li dan ir-reat kellu fuq il-vittma li jidher li almenu sas-sena 2011 kienet tal-fehma illi l-appellant għandu jiġi nkarċerat ghal għemilu, filwaqt fl-istess hin l-appellant jingħata l-għajnuna meħtieġa minħabba l-kundizzjoni mentali tiegħu ghalkemm gie irregistrat progress konsiderevoli tul is-snin. Il-Qorti tqies ukoll r-rakkomandazzjonijiet li saru kemm mill-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll mit-tabib psikjatriku tal-appellant fejn jidher li hemm qbil li l-appellant għandu jibqa' jiġi segwit mill-qrib sabiex jibqa' miexi fi triq it-tajba u ma jerġax jaqbad il-vizzju tad-droga u l-ħajja ta' kriminalita' li mill-fedina penali voluminuza tiegħu kienet waħda attiva u kopjuża għall-aħħar almenu sas-sena 2011.

Illi allura din il-Qorti hija tal-fehma li inkarċerazzjoni effettiva fil-konfront tal-appellant f'dan l-istadju jista' jkun aktar ta' preġudizzju milli ta' ġid u fid-dawl ukoll tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-persuni li segwewh mill-qrib wara li dawn ir-reati ġew kommessi, jkun ferm aktar għaqli u ta' ġid mhux biss għas-soċjeta izda ukoll ghall-appellant li jibqa' jiġi segwit mill-qrib kemm mill-uffiċjal tal-probation kif ukoll mill-psikjatra kuranti tiegħu, filwaqt li jagħti l-kumpens meħtieġ lill-vittma f'dan il-każ tal-flus li hu seraq mingħandha. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jevita' li hu jerġa jaqa' fiċ-ċirkolu vizzjuz tal-abbuż tad-droga u jibqa' jiġi kkontrollat bil-mediċini u bil-kura meħtieġa skond il-bżonn sabiex l-istat mentali tiegħu jibqa taht is-sorveljanza tal-ispeċjalisti kif ukoll tal-Qorti. Dan kollu jsir ukoll filwaqt li l-appellant jiġi mfakkar minn din il-Qorti illi jekk ixellef dufrejgħ mal-ġustizzja tul dan il-perijodu ta' żmien, hu jista jaffaċċa piena karċerarja effettiva jekk miġjub mill-ġdid quddiemHa.

Għal dawn il-motivi, wara li din il-Qorti rat l-artikoli 261, 262, 267, 276, 277(a), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 49, 50, 289, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 22 u 23(b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lil Carmel Zammit ħati tal-ewwel, r-raba, s-sitt u s-seba' akkuzi miġjuba kontra tiegħu, li jinkludu l-addebitu tar-

reċidiva u l-ksur tal-liberta' kundizzjonata taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah mit-tieni imputazzjonijiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tielet akkuza billi din hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, u wara li rat l-artikolu 7(1) u (5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum. Wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati ukoll taht Ordni ta' Trattament b'dan ghalhekk illi huwa ghandu jircevi l-kura li ghandu bzonn ghas-sahha mentali tieghu u ghalhekk ghandu jigi segwiet mill-Konsulent Psikjatra Dr. Joseph Spiteri u l-psikjatra Dr. Claire Axiak flimkien mas-*social worker* Therese Bonnici u dan ukoll ghal zmien tlett snin mil-lum.

Wara li rat l-artikoli 22 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-appellant jinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex wara li titressaq prova sodisfaċenti dwar il-ħtija tal-appellant għal dak li jirrigwarda l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fejn ġie ddikjarat ħati permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-04 ta' Gunju 2007, dik il-Qorti titratta mal-ħati ghar-reati hemmhekk infraskritti daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dawk ir-reati.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna lil hati ihallas lill-vittma Joanna Bellia s-somma ta' €274 bhala kumpens ghad-danni minnha subiti u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Edwina Grima

Imhallef